MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2013

Numru 874/2013

**Il- Pulizja**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Raymond Scicuna**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Raymond Scicluna ta' 55 sena iben Emmanuel Borg u Rita xebba Scicluna, imwieled Valletta nhar 22/08/1957, u residenti temporanjament gewwa CCF Paola, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 759657(M) fejn gie akkuzat talli:

Nhar l-20 ta' Awwissu 2013 ghal-habta tas-14:10hrs minn gewwa l-Mc Donalds Restaurant sitwat fi Triq ir-Repubblika il-Belt Valletta, ikkommettejt serq ta' telefon cellulari, kamera digitali, kartiera bi flus kontanti u dokumenti personali, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta' Silvia Furagalli turista ta'

nazzjonalita Taljana, bi ksur tal-Kapitolu 9, Artikolu 261(c), 267 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mituba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Raymond Scicluna bhala recediv u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Ikkunsidrat;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjoni kif dedotta.

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta' piena. L-Ufficjal Prosekutur ghamel referenza ghall-koperazzjoni da parti tal-hati waqt l-investigazzjoni; izda enfasizza li, minkejja li l-hati talab apologija, huwa ma kienx f'pozizzjoni li jirritorna l-oggetti minnu misruqa ghaliex lehaq iddispona minnhom.

Id-difensur tal-hati ghamel enfazi fuq l-ammissjoni bikrija tal-hati, fejn huwa addirittura ammetta fl-istqarrija li ta lill-pulizija. Ghamel referenza ghall-fatt li l-hati ghandu problemi socjali fosthom, izda mhux biss, il-fatt li ma ghandux fejn joqghod. Id-difiza talbet lill-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-apologija li ghamel il-hati waqt is-seduta ta` llum stess.

Ikkunsidrat;

Illi apparti kollox, il-Qorti qieset sew il-fedina penali tal-hati u tiddikjara minnufih li din tirrappresenta persuna li, fil-kuntest tal-imputazzjoni kif migjuba f'dan il-kaz, jimmerita li jinghata piena karcerarja effettiva. Il-fatt li huwa recidiv johrog car mill-atti ppresentati f'din il-kawza.

GHAL-MOTTIVI PREMESSI IL-QORTI, wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 31, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta` sena (1) prigunerija.

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------